**A.L. 17 ta' l-1998**

# ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

## Ordni ta' l-1998 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' 1998 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet). Titolu.

**2.** L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Art speċifikata.

**3.** Id-drittijiet u r-responsabbilitajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1998 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artikolu. Jum stabbilit.

**4.** L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni.

(a) Biċċa art f'Ħal Kirkop flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 66/96, liema pjanta ġiet transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli fil-5 ta' Ġunju, 1996;

(b) Biċċa art fix-Xewkija, Għawdex, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il pjanti L.D. 12/97, liema pjanta ġiet transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli fis-7 ta' Mejju, 1997.